# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 28 ta' Mejju 2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 1715/97mm**

**Anthony Fabri ghal Untours Insurance (Agents & Brokers) Ltd u din ghal Qatar Insurance Company kif surrogat fid-drittijiet ta' Josephine Theuma u l-istess Josephine Theuma**

**vs**

**Edward Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fid-19 ta' Awissu 1997 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lil Anthony Fabri nomine s-somma Lm624.60c u lill-istanti Josephine Theuma s-somma ta' Lm53.75 (jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opra ta' periti nominandi) danni mgarrba insegwitu ghal incident stradali li gara B'Kara fl-24 ta' Mejju 1997 bejn car Escort nru RAX 257 tal-attrici u assikurata

b'polza *comprehensive* mal-attur nomine u car IAD 719 misjuq mill-konvenut prevja dikjarazzjoni li huwa kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba mperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez komprizi Lm11.50 konsult u ittra u dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Awissu 1997 lill-assikuraturi tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' dan l-Avviz ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort tal-assikurat tal-attur nomine, u dana billi l-istess assikurat tal-attur naqas milli josserva r-Regolamenti tat-traffiku u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident gara tort u htija tal-assikurat tal-attur, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni, liema danni kif pretizi minnhom huma f'kwalunkwe kaz ezagerati.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara Mannarino Road, B'Kara hdejn id-Delta Home Center bejn il-karozza RAX 257 tal-ghamla Escort misjuqa minn Dennis Theuma u l-karozza IAD 719 misjuqa mill-konvenut. L-incident gara ezatt fl-inkrocju fit-triq illi taghti ghal Psaila Street.

Dennis Theuma xehed illi huwa kien qed isuq il-karozza tieghu fid-direzzjoni ta' l-Imsida. F'dik id-direzzjoni ma kienx hemm hafna traffiku ghad illi kien hemm hafna karozzi fil-karreggjata opposta fid-direzzjoni ta' B'Kara. Meta wasal f'dan l-inkrocju ra van Transit wieqaf f'nofs it-triq, ipponta biex idur ghat-triq illi taghti ghal Psaila Street, ghalhekk Theuma ddecieda illi jaghfas lejn ix-xellug peress illi minn dik in-nahha kien hemm spazju bizzejjed biex jibqa sejjer ghat-triq tieghu lejn l-Imsida. Hekk kif gie parallela ma' dan it-Transit, harget karozza ohra minn quddiemu li baqghet diehla fuqu. Theuma qal illi huwa fl-ebda hin ma ra din il-karozza jew setgha jissoponi illi setgha kien hemm karozza hierga minn din it-triq peress illi kellu l-viswali ostakolata b'dan it-transit. Fi kwalunkwe kaz huwa kien sejjer ghad-dritt u ghalhekk ma kienx jinkombi fuqu illi jaghti kaz min kien hiereg minn side road ghal fuq triq principali.

Minn nahha l-ohra l-konvenut ighid illi huwa waqaf f'tarf it-triq biex jesplora Mannarino Road halli jkun jista jkompli fit-triq tieghu, fit-triq li taghti ghal Knisja ta' San Frangisk. Quddiemu kien hemm vann Transit wieqaf f'nofs it-triq u s-sewwieq ghamillu sinjal biex johrog. Il-konvenut ghamel hekk izda kif

ghadda minn quddiem dan il-van transit sab il-karozza misjuqa minn Theuma u baqa diehel fuqha. Qal illi huwa ma ndunax bil-presenza tal-karozza l-ohra peress illi dina kienet ostakolata bil-van.

F'din il-kawza xehed ukoll Anthony Amaira ghan-nom tas-socjeta' attrici fejn esebixxa s-*survey report* u kif ukoll diversi rcevuti tal-flus illi thallsu ghat-tiswija tal-karozza ta' Theuma peress illi dina kienet assikurata b'polza tat-tip *comprehensive*. Dawn id-danni ma jidhrux illi huma kontestati mill-konvenut liema kontestazzjoni illimitata ghar-responsabbilta'.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda din ir-responsabbilta' l-Qorti jidhrilha illi Dennis Theuma zgur illi m'ghandux ibaghti xi htija ghal dan l-incident. Dana kien qed isuq fi triq principali fuq in-nahha tax-xellug tat-triq sejjer ghad-dritt fid-direzzjoni ta' l-Imsida. Quddiemu kellu l-ostakolu ta' dan il-van Transit illi waqaf biex idur lejn il-lemin. Theuma dehrlu illi dan il-van ma pprestalu l-ebda diffikultajiet partikolari peress li fuq in-nahha tax-xellug tieghu kien hemm spazju bizzejjed fejn setgha jkompli t-triq tieghu, ghalhekk Theuma immira ghal dan l-ispazju biex jibqa sejjer lejn l-Imsida. Kien proprju meta wasal kwazi parallela ma' dan il-van Transit illi harget il-karozza misjuqa mill-konvenut u baqghet diehla fuqu. Dennis Theuma ma kellu l-ebda obbligu illi jiehu hsieb din is-*side road* u fi kwalunkwe kaz zgur li ma kienx tort tieghu illi kien hemm dan il-van Transit qed jostakolalu l-vista minn dik in-nahha.

Minn nahha tal-konvenut pero' l-Qorti jidhrilha illi hemm bzonn li taghmel xi osservazzjonijiet. Dana kien hiereg minn *side road,* sejjer jaqsam triq principali sabiex ikompli t-triq tieghu go *side road* ohra. Ma hemmx dubbju illi Mannarino Road hija triq magguri fil-konfront ta' Triq Dun Filippu Borg u kien jinkombi fuq il-konvenut illi jiehu l-mizuri kollha necessarji sabiex jassigura l-inkolumita tieghu u l-utenti l-ohra tat-triq. Dawn il-mizuri kienu jinkludu fost affarijiet ohra *a proper look out* ghall-vetturi kollha illi jkunu ghaddejjin minn din it-triq principali, liema vetturi ghandhom id-dritt ikomplu fit-triq taghhom minghajr xkiel minn vetturi ohra li jkunu hergin minn *side road*.

Fil-kawza Il-Pulizija vs Pawlu Borg (Vol XXXVI p1 pg 797) "ghalkemm id-driver ghandu joqghod dejjem attent sia jekk ikun fuq it-triq dritta, kemm ukoll jekk ikun sejjer jidhol, fiha huwa intuitiv u hu principju affermat minn diversi decizzjonijiet tal-Qrati Inglizi illi driver illi sejjer jidhol fit-triq id-dritta minn triq ohra ghandu obbligu akbar minn dak id-driver fuq it-triq id-dritta, ghas-semplici raguni li hu jkun sejjer jaqsam l-*stream of traffic* li jkun hemm fuq it-triq id-dritta, mentri d-driver fuq it-triq id-dritta la darba sejjer ikompli ghad-dritt ma jkun sejjer ifixkel lil hadd…."

Il-konvenut ma jistax isib konfort fil-fatt illi kien l-istess sewwieq tat-Transit illi ghamillu s-sinjal biex johrog. Dan is-sewwieq setgha ghamel dan is-sinjal ghax kien komdu ghalih li jaghmlu, izda zgur ma kienx f'posizzjoni illi jara dawk il-vetturi gejjin minn fuq ix-xellug minn warajh, quindi kien jinkombi fuq il-konvenut illi jiehu l-mizuri kollha necessarji sabiex jassigura illi wara dak il-

van ma kien hemm hadd. Jekk il-konvenut kellu xi dubbju allura messu qaghad lura u qaghad aktar attent qabel ma johrog u mhux joqghod bl-ghama fuq istruzzjonijiet moghtija minn persuna mhux awtorizzata. Tajjeb jew hazin is-sewwieq tat-Transit ma kellu l-ebda dritt jaghti dawn l-istruzzjonijiet lil terzi. Setgha ghamilhom *in buona fede* jew inkella bhala mezz ta' kortesija, pero' xorta jibqa l-fatt illi dana ma jesonerax lis-sewwieq l-iehor illi jiehu hsieb hu u jara illi l-pass tieghu jkun kopert bil-mizuri kollha necessarji sabiex jaghmel dik il-manuvra.

Il-konvenut ghamel hazin meta qaghad fuq dawn l-istruzzjonijiet. Evidentement dan is-sewwieq tat-Transit apparti l-fatt illi ma kienx awtorizzat ma kienx qieghed f'posizzjoni illi jinduna bil-karozza misjuqa minn Theuma. Dana kien kompitu tal-konvenut illi jassigura illi jekk hu ser jaqsam triq principali ma jkun sejjer jostakola lil hadd u qallu x'qallu d-driver tat-Transit dan l-obbligu ma setghax jehles minnu. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi ghal dan l-incident ghandu jahti unikament u esklussivament il-konvenut.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident illi gara B'Kara f'Mannarino Road fl-24 ta' Mejju 1997 bejn il-karozza Escort nru RAX 257 misjuqa minn Dennis Theuma u l-karozza IAD 719 misjuqa mill-konvenut u dana minhabba traskuragni, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte ta' l-istess konvenut.

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' Lm624.60c u konsegwentement qed tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan l-ammont indikat lill-atturi.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg